KUNSILL LOKALI PAOLA

**MINUTI**

Laqgħa Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 65

L-Erbgħa 15 ta' Mejju 2024 *(it-Tnejn 20 ta' Mejju 2024)

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċju amministrattiv tiegħu fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja Paola, nhar l-Erbgħa 15 ta' Mejju 2024. Il-laqgħa bdiet fil-5:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dominic Grima | Sindku |
| | Darren Lynch | Viċi Sindku |
| | Ivan Bartolo | Kunsillier |
| | Rita Delezio | Kunsilliera |
| | Yvonne Arqueros | Kunsilliera |
| | Neville Camilleri | Kunsillier |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Ħadd | |
| **Assenti:** | Steven Axisa | Kunsillier |
| **Uffiċjal Preżenti** | Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

Kunsill Lokali Paola

Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa.

**65.01 Qari tal-Ittri ta' apoloġiji**

65.01.01 Is-S.E. informa li ma kienx irċieva Ittri ta' Apoloġiji

**65.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 64**

65.02.01 Il-Minuti tal-Laqgħa 64 kienu ġew iċ-ċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Minuti ġew approvati unanimament bil-Kunsilliera Delezio tipproponi u l-Kunsillier Camilleri jissekonda.

**65.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

65.03.01 Is-Sindku nforma li kien irċieva talba mill-organizzaturi ta' Ikber Magħna ġewwa l-bini antik tal-Kunsill sabiex il-Kunsill jipprovdi *dispenser* tal-ilma. Il-Kunsill approva din it-talba.

65.03.02 Is-Sindku ta' dettalji dwar il-*Master Plan* kif ippreparat mill-Perit tal-Kunsill u fost l-oħrajn qal li dan il-pjan ser jieħu ħsieb li minbarra li r-residenti jkollhom parkeġġi mmarkati għalihom, ser ikun hemm ukoll numru ta' parkeġġi għal min jiġi jżur lil qrabatu jew jinqeda mill-lokalita'. Huwa tenna li l-*Master Plan* qiegħed għand il-Ministeru responsabbli u issa jonqos biss li dan jiġi diskuss sabiex ikun jista' jiġi mplimentat illum qabel għada.

65.03.03 Is-Sindku nforma li kien irċieva diversi talbiet minn persuni li jkollhom bżonn imorru Santa Venera sabiex japplikaw għall-*Blue Badge* iżda kellhom problema ta' trasport. Huwa issuġġerixxa li l-van tal-Kunsill jibda jwassal lil dawk li jkollhom bżonn imorru sabiex japplikaw għal dan is-servizz. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

65.03.04 Rigward Ġnien Tony Bezzina s-Sindku spjega li x-xogħol għadu għaddej u li bħalissa konna qed nistennew uffiċjali mill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex ikunu jistgħu jagħtu l-linja tal-bini ta' fejn ġej il-ħajt ta'barra tal-Ġnien.

65.03.05 Is-Sindku nforma li fit-22 ta' Mejju kienu ser jagħlqu t-*tenders* ta' Ġnien Silvio Parnis u ta' Ġnien Pawlu Boffa li kellhom jerġgħu jinħarġu. Huwa qal li dawn kienu ser jiġu evalwati mill-Kunsill il-ġdid.

65.03.06 Rigward iz-zuntier tal-Knisja ta' Sant' Antnin, is-Sindku nforma li kien qiegħed kontinwament f'taħditiet mad-Dipt. tax-Xogħlijiet sabiex dan ix-xogħol ikun jista' jitkompla u jitlesta fil-ġimghat li ġejjin.

65.03.07 Rigward Ġnien il-Mediterran, is-Sindku nforma li konna għadna qed nistennew in-*No Objection* tal-Ministeru tal-Edukazzjoni sabiex ikun jista' jinħareġ it-*tender* minn *Project Green* sabiex ikun jista' jibda x-xogħol li jrid jitlesta sas-sena d-dieħla minħabba li dan ser ikun qed jiġi ffinanzjat minn fondi Ewropej.

65.03.08 Is-Sindku ta’ dettalji dwar fiex wasal ix-xogħol minn Infrastruttura Malta fi Triq Tarxien, Triq Zabbar, Triq l-Isqof Buhagiar u Triq Santa Monika. Huwa qal li meta jitlestew dawn it-toroq, għandu jibda x-xogħol fuq Triq il-Foss, Triq Santa Ubaldeska, Triq Lampuka u Triq it-Tarzna.

**65.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

65.04.01 Il-Kunsilliera Delezio staqsiet jekk il-Kunsill jistax jagħmel xi ħaġa wara li wieħed mill-ħaddiema tal-kuntrattur tal-knis kellu inċident fejn ġie mgħajjar minn persuna. Is-Sindku spjega li jidher li dan kien każ iżolat u li ma kienx jirrigwardja lill-Kunsill.

65.04.02 Il-Kunsilliera Delezio staqsiet għaliex fuq il-paġna tal-FB tal-Kunsill ma’ hemmx l-Aġenda u l-Minuti aġġornati. Is-SE spjega li l-paġna kienet ġiet aġġornata mid-DLG u li kien hemm bżonn li jsiru xi aġġornamenti u dawn ser isiru fil-ġimghat li ġejjin.

65.04.03 Il-Kunsilliera Delezio rringrazzjat lis-Sindku, SE u lil sħaba l-Kunsillieri għall-ħidma li saret f’dawn l-aħħar 5 snin b’risq il-lokalita’.

65.04.04 Il-Kunsillier Bartolo spjega li huwa mhux qed ikun jikkontesta din l-elezzjoni u għalhekk xtaq jirringrazzja lil dawk kollha li ħadem magħhom f’din il-leġislatura u awgura lill-dawk preżenti li ser jikkontestaw li jkunu eletti. Huwa talab apoloġija jekk xi darba żbalja.

65.04.05 Il-Kunsilliera Arqueros staqsiet jekk jistax isir xi tip ta’ lqugħ mix-xemx ħdejn l-Ipoġew għal dawk li jkun uqed jistennew biex jidħlu. Is-Sindku nforma li kien ser ikellem lil-*Heritage Malta* dwar dan.

65.04.06 Il-Kunsilliera Arqueros staqsiet dwar il-bieb li kien infetaħ fil-*Green Corridor* li għalkemm magħluq, dan għadu hemm. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien oġġezzjona iżda sa issa ma kienx hemm aktar żviluppi.

65.04.07 Il-Kunsillera Arqueros staqsiet jekk iż-*Żebra Crossing* faċċata tal-istabbiliment *Main Street* tistax issir bil-*Pelican L*ights. Is-Sindku spjega li kien diġà għamel talba f’dan is-sens fil-passat li iżda ma kienitx ġiet milqugħa iżda issuġġerixxa li nerġgħu inkellmu lil TM dwar dan.

65.04.08 Il-Kunsilliera Arqueros talbet sabiex isir xi tip ta’ indikazzjoni fit-tarġiet li hemm fi Ġnien Lorry Sant peress li kif inhuma preżentement ma tantx jidhru. Kien hemm qbil li għandu jsir *tape* li jindika li hemm tarġa.

65.04.09 Il-Kunsilliera Arqueros staqsiet jekk jistax isir xi ħaġa dwar is-*sound* li qed jinstema li jkun ġej mill-*loudspeakers* tal-Moskea. Is-Sindku nforma li kien ser ikellem lill-Imam dwar dan.

65.04.10 Il-Kunsilliera Arqueros semmiet l-*issue* tal-ħamiem selvaġġ u s-SE informa li kif kien hemm qbil, kienet intbgħatet *email* lid-DLG. Hija ssuġġeriet li forsi xi Membru Parlamentari jkun jista' jagħmel PQ dwar dan il-każ.

65.04.11 Il-Kunsilliera Arqueros irringrazzjat lis-Sindku, Viċi Sindku, SE u l-Kunsillieri kollha tal-ħidma u kien ta' pjaċir għaliha li ħadmet magħhom.

65.04.12 Il-Kunsillier Camilleri staqsa jekk kienx hemm xi *update* dwar il-bozoz u s-Sindku spjega li sakemm jaslu dawk ordnati, kienu saru *floodlights* temporanji. Huwa qal ukoll li meta qed tmur bozza, din qed issir LED kif wara kollox huwa l-pjan tal-Enemalta għal Malta u Għawdex kollu.

65.04.13 Il-Kunsillier Camilleri staqsa jekk fejn instab ix-xelter fi Triq Santa Monika kienx ser isir il-parkeġġ faċċata u s-Sindku rrisponda fl-affermattiv. Huwa ssuġġerixxa li l-parkeġġ f'dik it-triq isir mal-ħajt tal-iskola. Is-Sindku nforma li kien ser jiċċekkja mal-Perit jekk dan hux possibbli.

65.04.14 Il-Kunsillier Camilleri irringrazzja lil kulħadd li kien preżenti f'din il-leġislatura.

**65.05 Proġetti**

65.05.01 Is-Sindku nforma li fi Triq Zabbar kienet ser tinbidel il-bankina fuq iż-żewġ naħat liema xogħol għandu jitlesta sa l-aħħar ta' Ġunju

**65.06 Korrispondenza**

65.06.01 Is-SE fakkar fl-iskema SPI/SCI/03/2024 Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet Aktar Nodfa li tagħlaq fl-aħħar tax-xahar. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jnaddaf il-*Ground* Pace Grasso u li din l-attivita' ssir f'nofs Settembru 2024.

65.06.02 Is-SE informa skont Memo 4/2024, il-ġurament tal-ħatra tal-Kunsill il-ġdid kien ser isir fil-25 ta' Ġunju wara nofsinhar. Iktar dettalji jingħataw il-quddiem. Is-SE fakkar li dan il-Kunsill għandu sal-aħħar ta' Ġunju u huwa biss mill-1 ta' Lulju li l-Kunsilliera l-ġodda jkunu jistgħu jibdew jaġixxu bħala Kunsilliera avolja jkunu ħadu l-ġurament tal-ħatra.

65.06.03 Korrispondenza mingħand l-Għaqda Soċjali Mużikali Kristu Sultan dwar żjara tal-ET l-President tar-Repubblika fl-1 ta' Lulju sabiex tattendi għal kunċert fil-Pjazza u ftuħ tas-sede.

65.06.04 Talba mingħand impjegata tal-Kunsill li għamlet il-Masters sabiex il-Kunsill jirrifondi parti mill-ispejjeż involuti. Il-Kunsill approva unanimament.

**65.07 Rapporti**

65.07.01 Is-SE nforma li r-*Risk Assessment* tas-Suq kien wasal iżda kien għadu ma daħalx fid-dettal tal-kontenut. Huwa ssuġġerixxa li ninfurmaw lid-DLG dwar dan u nitolbu sabiex ikun jista' jiġi mplimentat malajr kemm jista' jkun. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Kunsill Lokali Paola

***Il-Kunsilliera Arqueros ħalliet il-laqgħa fis-18:15 minħabba raġunijiet personali.***

65.07.02 Is-Sindku issuġġerixxa li ssir laqgħa mal-Imam u l-awtoritajiet sabiex meta jkun hemm ċelebrazzjonijiet kbar fil-Moskea, minħabba l-attendenza bl-eluf, tinstab soluzzjoni anke minħabba l-inkonvenjent ikkawżat mis-*sound* li f'okkażjonijiet simili jibda minn kmieni fil-għodu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**65.08 Rapport Finanzjarju l-Ewwel Kwart (Jannar / Marzu 2024)**

65.08.01 Is-SE informa li kopja ta' dan id-dokument kienet tqassmet lill-membri u spjega li għalkemm f'dan id-dokument hemm xi figuri bl-aħmar (negattivi) ir-raġuni wara dan kien li vis-a-vis il-*Budget* qed jinħareġ iktar flus mir-riservi tal-Kunsill. Dan ifisser ukoll li d-*Depreciation* qed tgħola minħabba l-proġetti li qed isiru u jitħallsu. Dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

**65.09 *Audited Financial Statements 2023***

65.09.01 Is-SE spjega li wara li fi Frar il-Kunsill kien ippreżenta l-*Financial Statements* li ġew approvati mill-Kunsill, kien sar l-*audit* iżda sfortunatament l-*Audited Financial Statements* ma laħqux tlestew fil-ħin mill-awdituri għal laqgħa tal-lum. Għal dan il-għan kien hemm bżonn li dan l-*item* jiġi diskuss fil-kontinwazzjoni ta' din il-laqgħa. Kien hemm qbil li dan ir-rapport jiġi diskuss waqt laqgħa nhar it-Tnejn 20 ta' Mejju.

65.09.02* Is-SE informa li kopja tal-*Audited Financial Statements* kienet intbgħatet lill-Kunsillieri qabel il-laqgħa u għalhekk dan id-dokument ġie meqjus bħala moqri u peress li ma kienx hemm mistoqsijiet ġie approvat unanimament. Is-Sindku u s-SE ġew awtorizzati mill-Kunsill sabiex jiffirmaw dan id-dokument.

**65.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti Nru. 65**

65.10.01 L-iskeda ta' Pagamenti numru 65 ġiet approvata unanimament.

**65.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

65.11.01 Il-laqgħa ntemmet fis-6:30 p.m. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa 19 ta' Ġunju 2024 fl-4:30 p.m.

**Konfermati illum l-Erbgħa 19 ta' Ġunju 2024.**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| **Dominic Grima**<br>**Sindku** | **Fabian Mizzi**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |